MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 22/2007

**Victor J. Borg u martu Miriam Borg u s-socjeta kummercjali Victor J Borg Enterprises Limited**

**Vs**

**Louis u Josephine konjugi Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fl-4 ta’ Dicembru 2007 u li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu hlas lura tas-somma ta’ sitt elef sitt mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€6,672.21), ammont li jsostnu li hallsu indebitament lill-konvenuti fir-rigward ta’ xoghol ta’ kostruzzjoni li sar fi zvilupp gewwa Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawde.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fl-24 ta' Jannar 2009 (fol. 11) u ddikjaraw li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, u m'huwiex minnu li hemm xi ammont li hu dovut lill-atturi.

Semghet il-provi.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba prezentat fis-6 ta' Marzu 2009.

Ikkunsidrat:-

1. L-attur Victor Borg kien ghamel ftehim ta' appalt mal-konvenut Louis Vella. Fit-12 ta' Lulju 2003 kienu ffirmaw ftehim li jipprovdi ghar-rati ta' hlas (fol. 24-25). Ix-xoghol kien jikkonsisti fil-bini ta' dar fix-Xaghra, Ghawdex. Matul il-kors tax-xogholijiet bdew jinhargu kontijiet mill-perit Martin Xuereb. Il-kontijiet esebiti fl-atti huma datati 1/7/2003 (MB001), 17/4/2004 (MB002), 19/8/2004 (MB003), 20/10/2005 (MB005).

2. Fis-seduta li saret fis-16 ta' Jannar 2009 quddiem il-perit Alan Saliba, il-partijiet ftehemu:-

***"Il-partijiet jaqblu li r-rati ghandhom ikunu hekk:***
***1. Il-hitan tal-gebel singlu 'il fuq mill-qatran b'Lm21 il-qasba, anke taht il-qatran.***
***2. Id-dobblu 'il fuq mill-qatran bi Lm42 il-qasba, anke taht il-qatran.***
***3. Extra fuq il-fil bil-Lm5 il-qasba.***
***4. Il-konkos 6" b'xibka singla bit-Lm30 il-qasba kwadra.***
***5. Il-kontijiet tal-Perit Xuereb jaqblu li l-ahhar wiehed ghadu ma thallas mill-konvenut u jidu jivverifikaw l-ewwl wiehed jekk thallasx.***
***B'riferenza ghal Dok. LV2 dwar uzu ta' crane a fol. 54 l-attur jirrikonoxxi l-ammonti ta' Lm300 u Lm73.50 bhala dovuti. Dwar il-kumplament ta' Lm250 fuq Dok. LV2 il-partijiet qed jaqblu li dan jinqasam bejniethom u ghalhekk titnaqqas l-ammont ta' Lm125 minnhom"***.

L-ezercizzju li jrid isir hu ghalhekk bazat fuq dak li ftehemu l-partijiet. Mir-rapport hu evidenti li f'dak l-istadju tal-proceduri l-kontendenti llimitaw il-vertenza fuq ir-rati ta' hlas ghax-xoghol tal-gebel u l-kont dwar l-uzu tal-crane[1]. L-istess jirrizulta min-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw.

3. Fl-affidavit li pprezenta fl-14 ta' Marzu 2008, l-attur ta rendikont dwar x'inhuma l-ilmenti, cjoe' l-items li dwarhom jippretendi li sar *overcharging* in kwantu r-rati ta' hlas ma kienux skond il-ftehim li gie ffirmat fit-12 ta' Lulju 2003. L-ilmenti li jirrizultaw mill-kontijiet mahruga mill-perit Xuereb, huma s-segwenti:-

**<u>Kont MB003 (fol. 29) – Ground Floor</u>**:-

| **Item** | **Deskrizzjoni** | **Kwantita** | **Unit** | **Rata Lm** | **Rata korretta Lm** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1.01 | Gebel tas-singlu | 27.48 | Qasab Kwadri | 26 | 21 |
| 1.02 | Gebel dobblu | 50.22 | Qasab Kwadri | 52 | 42 |
| | Sub-Total Gebel Singlu | | | 714.38 | 577.08 |
| | Sub-Total Gebel Dobblu | | | 2,611.44 | 2,109.24 |
| **Total** | | | | **3,325.82** | **2,686.32** |

**<u>Total ta' differenza</u>: sitt mija u disgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm639.50).**
**<u>VAT ta' 18% fuq id-differenza</u>: mija u hmistax-il lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm115.11).**

**<u>Kont MB005 (fol. 37) – First Floor</u>:-**

[1] Ara Dok. LV2 a fol. 54.

1.01 Gebel tas-singlu 41.22 Qasab Kwadri 26 21
1.02 Gebel dobblu 41.90 Qasab Kwadri 52 42
2.01 Gebel dobblu 25.22 Qasab Kwadri 52 42

Sub-Total Gebel Singlu 1,071.75 865.62 Sub-Total Gebel Dobblu (1.01) 2,178.59 1,759.8
Sub-Total Gebel Dobblu (2.01) 1,311.41 1,059.24
Total **4,561.75 3,684.66**

**Total ta' differenza: tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm877.09).**
**VAT ta' 18% fuq id-differenza: Mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm157.88).**

Fir-rigward tal-ilment l-iehor tal-atturi relatat mal-kont tal-ingenji (Dok. LV2 a fol. 54) , l-attur accetta[2] li jhallas is-somma ta' Lm300[3] u Lm73.50[4]. Inoltre, l-partijiet ftehemu wkoll li l-bilanc ta' Lm250 ghandu jinqasam bejn tnejn, cjoe' Lm125 kull wiehed. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-attur Borg ghandu jhallas is-somma ta' Lm498.5 u trid tizdied il-VAT bir-rata ta' 18%[5]; **total ta' Lm588.23**.

Fir-rigward tal-hlas dovut lill-perit Martin Xuereb (ara kontjiet a fol. 41 u 42), il-perit talab il-hlas minghand il-konvenut. Il-qorti qeghda tifhem li dawn huma nofs id-drittijiet tal-perit Martin Xuereb. Ghalhekk il-qorti hi tal-fehma li l-atturi m'ghandhomx dritt li jnaqqsu din is-somma (Lm228.93) mill-hlas dovut lill-konvenuti, in kwantu l-obbligu tal-hlas hu tal-konvenut.

[2] Ara verbal tas-seduta li saret fis-16 ta' Jannar 2009 quddiem il-perit tekniku.
[3] 29/1/2004 *"crane kbir pogga planki"*.
[4] 7/4/2004 *"10 ½ tns ecavator"*.
[5] Lm89.73. Mill-istess kont hu evidenti li l-VAT ta' 18% giet kalkolata separata.

4. Mill-provi rrizulta li l-ahhar kont mahrug mill-perit Xuereb (MB005 a fol. 37)[6] ma thallasx mill-atturi Borg. Jidher li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet li l-ammont kellu jitnaqqas mill-prezz tal-vettura li l-konvenuti xtraw minghand il-kumpannija attrici. Tant hu hekk li meta l-konvenut ghamel il-konteggi (fol. 39), mill-ammont li kien qieghd jippetendi ghall-bini tal-villa naqqas is-somma dovuta lis-socjeta attrici (Lm11,925.87) u hareg cheque ta' Lm308.92 (fol. 39A) ntestat f'isem Gozo Garage. Cheque li l-attur ma sarrafx ghaliex ma kien qieghed jaqbel mal-konteggi li ghamel il-konvenut (ara ittra datata 5 ta' Dicembru 2006 (Dok. L1) a fol. 43).

Ma rrizultax x'kien li wassal lill-perit Martin Xuereb sabiex fil-konijiet jaghmel rati ta' hlas differenti minn dawk li jidhru fil-ftehim li ffirmaw il-partijiet fit-12 ta' Lulju 2003 (fol. 24-25) fir-rigward ta' gebel singlu, dobblu, u bil-fil.

5. Fir-rigward ta' dik il-parti tar-rapport ***"25 Konsiderazzjonijiet teknici dwar items ohra"*** (fol. 91), il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tehodhom in konsiderazzjoni in kwantu m'humiex inkluzi fl-ilmenti li ressqu l-atturi[7]. Inoltre, ma kkumentaw xejn dwarhom fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fl-24 ta' Gunju 2009. Ghalhekk skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti, l-ammont dovut hu s-segwenti:-

**Ammont dovut lil Victor J. Borg Enterprises Ltd:**
Lm11,925.87[8]

**Ammont dovut lill-konvenut**:

| | |
|---|---|
| Kont MB005 | Lm10,324.25[9] |
| Naqqas mill-kont MB003 | (Lm754.61)[10] |
| Naqqas mill-kont MB005 | (Lm1034.88)[11] |

---

[6] Datat 20 ta' Ottubru 2005.
[7] Ara ittra legali datata 6 ta' Ottubru 2007 (fol. 4), affidavit tal-attur (fol. 18), kontro-ezami tal-attur (fol. 60) nota prezentata mill-attur fit-8/7/2009, u Dok. VJBX10 prezentata mill-attur (fol. 101) fis-seduti li saru mill-perit tekniku.
[8] Il-konvenut jaqbel ma' din ic-cifra tant li mill-kont li baghat fit-30 ta' Novembru 2005 (fol. 39) naqqas is-somma ta' Lm11,925.87 deskritti bhala ***"Flus dovuti lil Gozo Garage minn Louis Vella."***.
[9] Fol. 37-38.
[10] Ara pagna 2 tas-sentenza.
[11] Ara pagna 2 tas-sentenza.

Zied ammont dovut minn V. Borg
dwar uzu ta’ crane u excavator Lm588.23[12]

Zied ammont dovut lil Louis Vella
fir-rigward ta’ xoghol fuq il-fil in
kwantu kalkoli saru fuq rata ta’
Lm4.50 u l-partijiet jaqblu li kienet
Lm5 Lm101.81[13]

(**Lm9224.80)**

**Total ...........................................................Lm2,701.07 ekwivalenti ghal €6,291.80 li huwa dovut lil Victor J. Borg Enterprises Ltd.**

Il-qorti tispjega li l-kakoli saru bil-lira Maltija in kwantu d-dokumenti ezebiti fl-atti huma hekk indikati, u b’dan il-mod jitnaqqas il-possibilita’ ta’ zbalji fic-cifri.

6. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenut ressaq dawn l-argumenti ghal konsiderazzjoni tal-qorti, u fejn spjega li ma kienx qieghed jaqbel ma dak li rrelata l-perit tekniku:-

(a) Ix-xoghol kollu sar fuq il-fil u li l-konteggi li ghamel il-perit tekniku huma zbaljati[14]. F’dan il-kuntest il-qorti ma tifhimx kif il-konvenuti naqsu milli jressqu lill-perit Xuereb bhala xhud[15] u/jew li jinsistu mal-perit tekniku li jaghmel access fil-post in sostenn tat-tezi taghhom. Jekk il-konvenuti qeghdin isostnu li l-perit Xuereb ha zball, kellhom isostnu dak li jallegaw permezz ta’ provi. Haga li ma ghamlux. Il-verzjoni tal-konvenuti tikkuntrasta mad-dikjarazzjoni li saret fir-rikors konguntiv

[12] Dok. LV2.
[13] Lm16.83 (MB002) + Lm29.61 (MB003) + Lm40.80 + Lm14.57 (MB005). Fl-ammont hemm inkluz il-VAT.
[14] Ara nota ta’ sottomissjonijiet paragrafu 7 a fol. 112.
[15] Fid-digriet tan-nomina tal-perit tekniku l-qorti tat il-fakolta’ lill-partijiet li jressqu l-provi, u ghal dan il-ghan ordnat lill-perit tekniku sabiex izomm zewg seduti ghal kull parti.

li pprezentaw flimkien mal-atturi fl-4 ta’ Marzu 2008[16] (wara d-digriet tal-qorti fejn innominat perit tekniku), fejn iddikjaraw li ***“....ix-xoghol ezegwit mill-konvenut gia jinsab imkejjel u fuq il-kejl (quantities) ma hemmx divergenza bejn il-partijiet”***. F’tali cirkostanzi m’huwiex accettabbli li l-konvenut jirtira dak li ddikjara u jikkontesta l-kejl li ghamel il-perit Xuereb u jsostni li sar zball.

Fil-kontijiet jirrizulta li l-perit Martin Xuereb kejjel il-hitan li saru fuq il-fil tant li f’kull kont hareg il-kejl (f’qasab kwadri) tal-hitan li saru fuq il-fil f’kull sular, u dan gie ndikat bhala *“extra”*. Fl-items li l-atturi qeghdin jikkontestaw (1.01;1.02 u 2.01) ma hemm l-ebda riferenza li dak jinkludu hitan fuq il-fil. Ghalhekk il-qorti ma tqiesx li l-konvenuti ghandhom ragun li jsostnu li per ezempju fil-kont MB003 (fol. 29) l-item 1.01 *“Single soft stone masonry walls above damp proof course”* bir-rata ta’ Lm26 kull qasba kwadra jinkludi xoghol fuq il-fil. Il-kont ma jghidx hekk u jekk hu hekk suppost ir-rata kienet ta’ Lm25.50 (fil-kaz tas-singlu) in kwantu skond il-kontijiet mahruga mill-perit Martin Xuereb r-rata ghal xoghol fuq il-fil hi ta’ Lm4.50 kull qasba kwadra. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li jekk kellha tigi accettata t-tezi tal-konvenuti li x-xoghol kollu sar fuq il-fil, il-qorti ma tara l-ebda skop ghalfejn tnizzel bhala “extra” fil-kontijiet li nhargu mill-perit Xuereb. Inoltre, jekk il-verzjoni tal-konvenut ghandha mis-sewwa x’kienet ir-raguni li flimkien mal-attur ghamel id-dikjarazzjoni li saret fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2009 u fejn il-partijiet ftehemu dwar ir-rati ta’ hlas ghax-xoghol tal-gebel ? Rati li jirreferu ghal xoghol mhux fuq il-fil u xoghol fuq il-fil li rriferew ghalih bhala “extra”. Mill-atti l-qorti ma sabet l-ebda twegiba ghal din id-domanda.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m’hijiex tal-fehma li l-verzjoni tal-konvenuti ghandha mis-sewwa.

(b) Fuq il-kont MB002 (fol. 26) ma thallsitx il-Vat izda biss is-somma ta’ Lm16,224.42. Mhux hekk jirrizulta mir-rendikont Dok. C a fol. 28. Fil-fatt jirrizulta li bhala VAT thallset is-somma ta’ Lm2,592.21 peress li

[16] Fol. 14.

parti mill-ammont gie kalkolat b'rata ta' VAT ta' 15%. Rilevanti li jigi rilevat li r-rata ta' 18% dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2004. F'kull kaz jidher li f'dak iz-zmien il-konvenut kien accetta l-kalkolu tal-attur tant li fl-ahhar tad-dokument hemm il-firma tieghu u l sar il-hlas u ma kien ghadu dovut xejn.

(c) Il-perit tekniku naqas milli jzied mal-ammont dovut mill-atturi konjugi Borg, id-differenza fir-rata ghax-xoghol fuq il-fil. F'dan ir-rigward il-kontijiet isemmu rata ta' Lm4.50 kull qasba kwadra filwaqt li l-partijiet qabblu li r-rata ghandha tkun ta' Lm5 kull qasba kwadra. Dwar dan l-ilment il-konvenuti ghandhom ragun.

7. Ghal dak li jikkoncerna rilaxx ta' ricevuta fiskali, din m'hijiex materja li ghandha tidhol fiha din il-qorti in kwantu m'hijiex kompriza fit-talba tal-atturi. Ovvjament il-konvenut ghandu obbligu legali li jaghti ricevuta fiskali u fin-nuqqas jista' wkoll ikun qieghed jesponi ruhu ghall-proceduri kriminali. Il-konvenut m'ghandux ragun meta qal li ta r-ricevuti lill-atturi (fol. 52). Id-dokumenti li rrefera ghalihom (Dok. LV6, LV7 u LV8) m'humiex ricevuta. Madankollu u f'kull kaz l-atturi ghandhom mezzi ohra sabiex jizguraw li jinghataw ricevuta fiskali.

8. Fl-ahharnett il-qorti tistqarr li f'dan il-kaz partikolari l-ezercizzju li sar kien wiehed ta' konteggi, sabiex jigi stabbilit min mill-partijiet ghad ghandu jircievi hlas. Fir-realta' rrizulta li l-kumpannija attrici ghadha debitrici tal-konvenuti fl-ammont ta' **€6,291.80**, in kwantu fadal bilanc tal-prezz ghall-bejgh tal-vettura li ghadu ma thallasx. Il-qorti ma taqbilx mal-mod kif il-kawza giet proposta, cjoe' hlas indebitu. Hu fatt li kien biss fir-rigward tal-kont MB003 li l-atturi hallsu zejjed is-somma ta' Lm754.61 (€1,757.77). Fir-rigward tal-kont MB005 ma ghamlu l-ebda hlas. Hu veru li mill-atti rrizulta li ma' kull kont mahrug mill-perit Xuereb, l-atturi konjugi Borg kienu qeghdin jaghmlu pagamenti. Pero' l-ftehim ta' appalt kien wiehed. Madankollu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12 il-qorti xorta tista' tiddecidi dwar il-jedd tal-atturi minkejja li

fil-fehma taghha ma jaqax sew fuq it-talba originali. F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[17] fil-kawza: **Emanuel Cauchi vs Michael Zammit nomine** deciza fil-15 ta' Lulju 2009.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef mitejn u wiehed u disghajn ewro u tmenin centezmu (€6,291.80). Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali prezentata fit-22 ta' Ottubru 2007 (numru 756/2007) li l-qorti rat peress li saret riferenza ghaliha fir-rikors promotur[18].**

**Spejjez tal-atturi jinqasmu b'dan il-mod: 95% a karigu tal-konvenuti filwaqt li 5% a karigu tal-atturi. Spejjez tal-konvenuti jibqghu a karigu taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[17] Imhallef P. Sciberras.
[18] Id-data ndikata fir-rikors hi zbaljata.